# Dizzjunarji Maltin

*Studju Kritiku ta'* A. Cremona

**MALTESE LEXICOGRAPHY.** — J. Aquilina. (Estratt mill-"Orbis" — *Bulletin International de Documentation Linguistique. — Tome II, No. 2, 1953 — Louvain).*

F'din il-kontribuzzjoni fir-rivista belġjana ta' l-Università Kattolika ta' Louvain, il-Professur Aquilina jagħti fil-qosor, iżda b'mod komprensiv bħal kwadru sinottiku ta' l-istorja lessikografika ta' l-ilsien Malti. Bħalma jurina, hija ħaġa li ma ssibhiex ħlief fil-Malti, illi l-letteratura Maltija kellha titwieled wara l-ħolqien, l-ewwelnett ta' grammatika, imbagħad ta' dizzjunarju, u dan jurina li l-isvilupp tal-lingwa Maltija, bħala lsien miktub, ma mexiex fuq ir-rotta ta' l-ilsna l-oħra, jiġifieri beda fuq prinċipji akkademiċi u mhux pedagoġiċi, u għalhekk, dizzjunarju donnu kellu iżjed importanza filoloġika milli skolastika jew letterarja, il-maqlub ta' dak li ġara f'lingwi oħra. Dan jidher wisq iżjed fix-xogħol ta' De Soldanis bid-dizzjunarju manuskritt u bil-grammatika tiegħu milli fil-*Lexicon* ta' Vassalli.

L-Awtur jagħti lista ta' 12-il dizzjunarju li s'issa ġew stampati mill-1796, jiġifieri minn Vassalli 'l hawn, fosthom tnejn etimoloġiċi. Ifisser il-pjan ta' Vassalli fuq il-mezz tal-koltivazzjoni tal-Malti bħala bidu ta' tagħlim għall-poplu—kif jidher mid-Diskors Preliminari tad-Dizzjunarju ta' Vassalli, li bħala bażi ta' dan it-tagħlim iqiegħed il-Grammatika u d-Dizzjunarju tiegħu.

Il-metodu ta' Vassalli fil-kompilazzjoni tad-Dizzjunarju huwa mfisser bir-reqqa kollha, u, bħala t-tieni xogħol, wara dak ta' De Soldanis, l-Awtur iqisu mill-aħjar fost dawk ukoll li saru wara, għalkemm ma tistax tgħid li hu perfett. Fil-moħħ ta' Vassallii l-iskop tad-dizzjunarju kien iktarx skolastiku milli filoloġiku, li jiġifieri jikteb u jippubblika dizzjunarju li jkun ta' fejda u għajnuna għal min irid jitgħallem it-tifsir ta' kliem Latin u Taljan li dak iż-żmien kienu ż-żewġ lingwi skolastiċi—għalkemm kellu wkoll il-ħsieb li jagħti f'supplement l-etimoloġija tal-kliem.

Illi l-metodu alfabetiku fit-taqsim tal-kliem skond id-dizzjunarji ewropej, kif fuqu mexa Vassalli u lessikografi oħra (barra jidhirli jien A. E. Caruana) huwa l-metodu l-iżjed prattiku għall-istudent Malti, għalkemm xjentifikament mhux il-metodu ta' l-ilsna semitiċi, jammettih l-istess Awtur, kif ukoll għandu jammettih kull studjuż u kull min igħallem. Hija ħaġa li skond is-sens prattiku, jammettih ukoll l-Awtur, dik li l-metodu tat-taqsim radikali tal-kliem ma jaqbilx f'dizzjunarju Malti (naħseb jien l-iktar f'dizzjunarju skolastiku)—f'ilsien li fih hemm mal-40 fil-mija ta' kliem rumanz li ma jnisslux il-forom tagħhom fuq għerq il-kelma. Il-metodu tat-tagħlim radikali tal-kliem, jaqbel isir f'dizzjunarju etimoloġiku bħalma sar b'ċertu mod wisq iżjed minn Dessoulavy fil-*Maltese-Arabic Word List* milli minn Barbera fid-dizzjunarju tiegħu, li mexa kelma b'kelma fuq l-ordni tal-kliem fid-dizzjunarju ta' Falzon.

Skond l-Awtur, Caruana qabeż il-foss, u ħalla barra l-kliem ta' nisel rumanz, fil-waqt li, kif naħseb jien, Caruana ħallih apposta, għax l-iskop tiegħu kien li jagħti biss in-nisel tal-kelma Maltija-Semitika u mhux tal-kelma Maltija-Rumanza.

Fuq kollox l-Awtur fid-dizzjunarji Maltin (teħodhom kollha kemm huma) isib dawn in-nuqqasijiet: Nuqqas ta' xi kliem użat, biċċa minnu f'xi postijiet ċkejkna tal-gżejjer; nuqqas ta' tifsir sekondarju ta' kliem; nuqqas ta' forom imnisslin; nuqqas ta' verbi preposizzjonali li jbiddlu t-tifsir mal-preposizzjoni li tissieħeb magħhom, nuqqas ta' frażijiet, idjomi, eċċ.; nuqqas ta' eżempji fl-użu letterarju u fl-użu soċjali, tekniku, eċċ., u għal dawn l-Awtur ifisser b'reqqa u b'mod dettaljat b'eżempji.

F'dizzjunarju bħalma hu dak ta' Vassalli ma tistax tistennieh li ma jkollux xi waħda, tnejn jew iżjed minn dawn in-nuqqasijiet bħalma ma tistax tistennieh fl-ewwel dizzjunarji li nkitbu f'ilsna oħra. Id-dizzjunarji jikbru mal-progress tal-Lsien fil-letteratura tiegħu. Bħalma jfisser l-Awtur, dizzjunarju, bħalma hu ta' Vassalli, u ta' oħrajn li ħarġu wara (neħħi ta' Caruana u ż-żewġ dizzjunarji etimoloġiċi li semmejna) mhumiex ħlief ta' fejda popolari u skolastika.

L-Awtur, bħala prototip tad-dizzjunarji Maltin li s'issa ħarġu, jagħżel il-Lexicon ta' Vassalli li għaż-żmien li fih inkiteb ma jiġborx fih il-kliem kollu fid-dizzjunarji li ħarġu wara.

Meta niflu dawn id-dizzjunarji, insibu li erbgħa minn dawn ma setgħux ikunu mgħammrin b'dak kollu li jinħtieġ f'dizzjunarju bit-terminoloġija u frażjoloġija sħiħa tal-lsien Malti fis-sens letterarju tal-kelma, billi huma dizzjunarji ċkejkna li nsibuhom taħt l-isem ta' dizzjunarji *Portatili* fit-Taljan u *Little Concise* jew *Pocket Dictionaries* fl-Ingliż, bħalma huma d-dizzjunarji ta' Francis Vella, ta' V. Azzopardi, Mamo u Magro. Vassalli kien minn ta' l-ewwel li wera apprezzament f'xi ħwejjeġ li oħrajn ta' warajh ma daħħlux fid-dizzjunarji tagħhom, jiġifieri kliem ta' tifsir sekondarju, eċċ., fil-waqt li Caruana jisboq lil oħrajn għall-kotor ta' idjomi, proverbi, u frażijiet safja li hu daħħal u li juru iżjed teknika fl-użu minn dawk il-frażijiet li nsibu fid-dizzjunarju ta' Busuttil, li għandhom fasla daqsxejn iżjed popolari u moderna.

Fl-aħħarnett, meta wieħed jagħsar l-istudju tal-Professur Aquilina fuq id-dizzjunarji Maltin u jqis il-ħtiġijiet ta' dizzjunarju Malti għal skopijiet popolari, skolastiċi, akkademiċi u filoloġiċi, nsibu li jaqbel li nimxu fuq dak li tawna ilsna oħra iżjed xjuħ fil-letteratura tagħhom mill-ilsien Malti. U, għalhekk, fil-kompilazzjoni ta' dizzjunarju, il-kriterju għandu jkun differenti u skond il-bżonn ta' kull wieħed minn dawn l-iskopi, jiġifieri, kompilazzjoni ta': a) *Dizzjunarji ċkejkna* għal idejn l-istudent ta' skejjel elementari, li jagħtu tifsir sempliċi tal-kliem mill-Malti għall-Ingliż-Taljan u bil-maqlub mill-Ingliż-Taljan għall-Malti; b) *Dizzjunarji Kbar*, għal idejn studenti liċeali, universitarji, eċċ., mill-Malti għall-Ingliż-Taljan, u vice-versa, b'tagħmira sewwa ta' tifsir, eċċ., ta' kliem komuni, letterarju, tekniku u frażjoloġiku; ċ) *Dizzjunarji Etimoloġiċi* fuq il-fasla tad-dizzjunarji ta' Dessoulavy u Barbera (bla ebda frażjoloġija)—kliem imfisser bl-Ingliż u bit-Taljan; d) *Dizzjunarji Kbar bil-Malti*, bil-Malti biss, fejn wara kull klma tingħata l-etimoloġija fil-qosor f'parentesi—bi kliem qadim u ġdid (letterarju, tekniku, xjentifiku) u bi frażjoloġija qadima u moderna.